RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 771/2012 tat-23 ta' Awwissu 2012 li jagħmel l-importazzjonijiet tal-bijoetanol li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika suġġetti għal reġistrazzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 24(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 229 tal-24 ta' Awwissu 2012)

Fil-paġna 21, l-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu tal-punt 1 jinbidel b'dan it-test li ġej:

"1. L-awtoritajiet tad-dwana huma b'dan mitluba, skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009, jieħdu l-passi xierqa sabiex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-bijoetanol, xi drabi msejjaħ "etanol tal-fjuwil", jiġifieri l-alkoħol etiliku prodott minn prodotti agrikoli (kif elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) żnaturat jew mhux żnaturat), għajr prodotti b'kontenut ta' ilma ta' aktar minn 0,3 % (m/m) imkejla skont l-istandard EN 15376, kif ukoll l-alkoħol etiliku prodott minn prodotti agrikoli (kif elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) li jinsabu f'taħlit ma' petrol b'kontenut ta' alkoħol etiliku ta' aktar minn 10 % (v/v) li attwalment jaqgħu fil-kodiċi NM ex 2207 10 00, ex 2207 20 00, ex 2208 90 99, ex 2710 12 11, ex 2710 12 15, ex 2710 12 21, ex 2710 12 25, ex 2710 12 31, ex 2710 12 41, ex 2710 12 45, ex 2710 12 49, ex 2710 12 51, ex 2710 12 59, ex 2710 12 70, ex 2710 12 90, ex 3814 00 10, ex 3814 00 90, ex 3820 00 00 u ex 3824 90 97 (kodiċi TARIC 2207 10 00 11, 2207 20 00 11, 2208 90 99 11, 2710 12 11 10, 2710 12 15 10, 2710 12 21 10, 2710 12 25 91, 2710 12 31 10, 2710 12 41 10, 2710 12 45 10, 2710 12 49 10, 2710 12 51 10, 2710 12 59 10, 2710 12 70 10, 2710 12 90 10, 3814 00 10 10, 3814 00 90 70, 3820 00 00 10 u 3824 90 97 67) u li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika. Ir- reġistrazzjoni tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.".